MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2023

Appell Inferjuri Numru 57/2022 LM

**Mohammed Yasin Ahmed**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-Aġenzija appellanta')*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-Aġenzija intimata [hawnhekk 'l-Aġenzija appellanta'], minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-13 ta' Mejju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li permezz tagħha l-Bord laqa' l-appell tar-rikorrent **Mohammed Yasin Ahmed** [hawnhekk 'l-appellat'], filwaqt li rrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata tal-25 ta' Novembru, 2021.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent kien igawdi l-i*status* ta' *Temporary Humanitarian Protection New (THPN),* li kien *status* speċjali li beda jingħata fis-sena 2010 lil *failed asylum seekers,* u għalhekk l-Aġenzija intimata kienet ħarġet permess ta' residenza lir-rikorrent abbażi ta' Protezzjoni Internazzjonali / Umanitarja, wara li dan applika għaliha fis-26 ta' Lulju, 2013. Dan il-permess tar-rikorrent baqa' jiġġedded sena wara sena. Fis-sena 2018, l-*istatus* ta' THPN inbidel bil-*Policy Regarding Specific Residence Authorisation (SRA),* u permezz ta' dan it-tibdil, dawk kollha li kienu jgawdu l-i*status* ta' THPN taħt is-sistema preċedenti, ingħataw *status* ta' SRA għal perijodu ta' sentejn, mingħajr il-ħtieġa li jsir eżami individwali ta' kull applikazzjoni, u dan sabiex jiġi evitat li persuna ssib ruħha mingħajr *status* minħabba t-tibdil fil-*policy.* Fil-każ odjern ir-rikorrent għamel użu minn dan il-benefiċċju, u ssottometta applikazzjoni fit-30 ta' Settembru, 2019 sabiex l-*istatus* tiegħu ta' THPN jiġi mibdul f'SRA, u din l-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet milqugħa. Il-*Policy* tal-SRA ġiet aġġornata f'Ottubru tal-2020, u l-*Policy* l-ġdida tgħid li "*existing applications will continue being renewed in line with this document".* Din il-klawsola ġiet interpretata mill-Aġenzija intimata li l-kriterji fil-*policy* kif aġġornata kellhom jibdew jiġu applikati għal kull applikazzjoni eżistenti, anki f'każijiet fejn ir-regoli taħt il-*policy* l-ġdida huma aktar onerużi għall-applikant. Meta lir-rikorrent kienu ser jgħaddulu s-sentejn ta' validità awtomatika tal-*istatus* tal-SRA, fis-27 t'Awwissu, 2021, ippreżenta applikazzjoni għat-tiġdid tal-istess *status,* iżda l-Aġenzija kienet qegħda tapplika l-*Policy* l-ġdida għal applikazzjonijiet bħal tiegħu, bir-riżultat li skont l-Aġenzija appellanta huwa ma kienx għadu jikkwalifika għal dan l-*istatus*.

## Mertu

3. Permezz ta' ittra mibgħuta lir-rikorrent fil-25 ta' Novembru, 2021, huwa ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu kienet qegħda tiġi miċħuda għaliex fil-passat huwa kien ingħata piena għal reat kriminali. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord, fejn spjega li huwa kien wasal Malta fl-2005, u fl-2010 huwa ngħata *Temporary Humanitarian Protection,* liema *status* huwa baqa' intitolat għalih sal-2019. Spjega li meta ġie biex iġedded dan l-*istatus,* huwa ġie mgħarraf li t-talba tiegħu kienet qegħda tiġi miċħuda minħabba fil-piena li kien ingħata fil-passat. Ir-rikorrent spjega li l-uniku reat kriminali li huwa nstab ħati tiegħu jmur lura għall-2005, u għalhekk huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta. Ir-rikorrent qal li l-Aġenzija intimata għamlet interpretazzjoni skorretta tal-fatti, u qal li ma jagħmilx sens li l-permess mitlub minnu jiġi miċħud għaliex huwa kien instab ħati ta' reat kriminali fl-2005, u dan għaliex dak ir-reat ma tqiesx li kellu jservi ta' impediment sabiex huwa ngħata permess u kien awtorizzat jibqa' jgħix Malta għal bosta snin wara. Qal ukoll li huwa qatt ma pprovda xi forma ta' dokument lill-Aġenzija appellanta li juri li fil-passat huwa kien instab ħati ta' xi reat, u għalhekk staqsa fuq liema bażi l-Aġenzija appellanta waslet għall-konklużjoni li waslet għaliha, meta fl-ittra tagħha infurmatu li l-każ tiegħu ġie eżaminat abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta minnu. Ir-rikorrent qal li għalhekk id-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata kienet ibbażata fuq żball ta' fatt jew inkella fuq interpretazzjoni żbaljata tal-fatti.

4. L-Aġenzija intimata fir-risposta tagħha wieġbet li fl-ewwel lok, a tenur tal-artikolu 25A tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Bord m'għandux il-kompetenza *rationae materiae* jiddeċiedi dwar l-appell tar-rikorrent minn deċiżjoni li

ttieħdet mill-Aġenzija Identity Malta sabiex ma ġġeddidx il-permess ta' residenza tar-rikorrent skont il-*Policy* SRA, għaliex dan mhux permess ta' residenza maħruġ skont l-artikolu 25A (1)(ċ), u l-artikolu 25A (5) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Qalet ukoll li l-appell ippreżentat mir-rikorrent fis-6 ta' Jannar, 2022, kien mid-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata li ngħatat fil-25 ta' Novembru, 2021, u skont l-artikolu 25A tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, kull appell bħal dan irid jiġi ippreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem ta' xogħol mid-deċiżjoni li tkun suġġetta għall-appell. L-Aġenzija intimata qalet li r-rikorrent ma ppreżenta l-ebda evidenza li turi li huwa ngħata l-ittra ta' rifjut f'data differenti minn dik stipulata fl-ittra ta' rifjut maħruġa mill-Aġenzija intimata, u għalhekk l-appell tiegħu għandu jitqies li sar *fuori termine.* In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-Aġenzija intimata talbet lill-Bord jikkonsidra li l-appell tar-rikorrent huwa null, u talbitu ma jieħu l-ebda konjizzjoni tat-talbiet tiegħu. Mingħajr preġudizzju għal dan, l-Aġenzija intimata spjegat li r-rikorrent kien intavola applikazzjoni għal permess ta' residenza fis-26 ta' Lulju, 2013, u l-permess ta' residenza tiegħu ngħata abbażi tal-Protezzjoni Internazzjonali/Umanitarja mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Refuġjati. Spjegat li dan il-permess ta' residenza kien jiġġedded fuq bażi annwali, u fl-2018, il-Gvern ta' Malta nieda *Policy Regarding Specific Residence Authorisation (SRA)* li bidlet il-*policy* preċedenti. Qalet li hija l-Aġenzija Identity Malta li hija l-awtorità kompetenti biex tħaddem din il-*policy* u tagħti permess ta' residenza lil min japplika għalih, u jinstab li huwa eliġibbli għal dan l-i*status.* Qalet li r-rikorrent issottometta applikazzjoni fit-30 ta' Settembru, 2019 lill-Aġenzija intimata sabiex ikollu tiġdid awtomatiku minn THPN għal SRA, u dan it-tiġdid awtomatiku ngħata għal perijodu ta' sentejn. Qalet li f'Ottubru tal-2020, il-Gvern ta' Malta

ppubblika verżjoni aġġornata tal-*Policy,* u fil-fehma tagħha applikazzjonijiet ġodda kif ukoll applikazzjonijiet għat-tiġdid, li kienu riċevuti mill-Aġenzija intimata wara li l-*Policy* ġiet aġġornata, kellhom jiġu deċiżi skont ir-rekwiżiti tal-*Policy* aġġornata.

5. L-Aġenzija intimata spjegat li kienu nbidlu l-kriterji għall-iskwalifika mill-*Policy* ppubblikata fl-2018 għall-*Policy* ppubblikata fl-2020, u filwaqt li skont il-*Policy* tal-2018, sabiex persuna ma tingħatax *SRA status* hija kellha tkun misjuba ħatja li wettqet reat serju, jew kellha titqies li hija ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali, l-ordni pubblika u/jew l-interess pubbliku[1], il-*Policy* tal-2020 tistipula li sabiex persuna tkun eliġibbli biex ikollha l-*SRA status* imġedded, l-applikant ma jrid ikun instab ħati tal-ebda reat u ma jridx ikun ingħata sentenza ta' priġunerija għal aktar minn tnax-il xahar f'Malta jew barra minn Malta.[2] Qalet li għalhekk fid-determinazzjoni tal-applikazzjonijiet li kellha quddiemha, hija kellha tara jekk persuna kinitx instabet ħatja ta' xi reat għall-perijodu ta' żmien indikat fil-*Policy,* f'liema każ il-persuna tkun awtomatikament skwalifikata.

6. L-Aġenzija intimata speċifikat li fil-każ odjern, fis-27 t'Awwissu, 2021, Yasin Ahmed issottometta applikazzjoni sabiex jingħata *SRA status,* li kien ingħatalu oriġinarjament fl-2019. Qalet li skont il-*Policy* tal-2020, l-Aġenzija intimata kellha għalhekk tipproċedi għall-ewwel darba b'evalwazzjoni individwali tal-eliġibbilità tiegħu sabiex jikseb dan l-i*status.* L-Aġenzija intimata

[1] *"Persons who have been convicted of serious crimes, or are otherwise considered to be a threat to national security, public order and/or public interest shall not be granted a Specific Residence Authorisation."*

[2] *"Persons who have been found guilty of an offence and sentenced to imprisonment for twelve (12) months in Malta or abroad shall not be granted a Specific Residence Authorisation. An applicant for the status who is found guilty and sentenced to one year imprisonment, even if with a suspended sentence, shall be automatically disqualified from obtaining SRA status. The Police Authorities shall be consulted to advise on the Fedina Penali of each applicant before an SRA status is granted."*

qalet li fl-ittra ta' rifjut mibgħuta minnha, ir-rikorrent ġie mgħarraf bir-raġunijiet għar-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu, u żiedet tgħid li minkejja li r-rikorrent ippreżenta diversi ċertifikati tal-kondotta tiegħu flimkien mal-applikazzjoni tiegħu, il-*Policy* tagħmilha ċara li kopja taċ-ċertifikat tal-kondotta mhux suffiċjenti għall-fini tal-evalwazzjoni ta' applikazzjoni taħt il-*Policy* kif aġġornata. Qalet li hija għandha d-dmir li tikkonsulta mal-Awtoritajiet tal-Pulizija sabiex tevalwa l-fedina penali ta' kull applikant fl-evalwazzjoni ta' kull applikazzjoni li jkollha quddiemha, u sabiex tikkonferma jekk persuna bħar-rikorrent hijiex eliġibbli jew le. L-intimata qalet li għalhekk kull fedina penali li tikkonferma li l-applikant kien instab ħati ta' reat kriminali, u li ġġorr piena ta' priġunerija ta' tnax-il xahar jew aktar, tirrendi lill-applikant ineliġibbli għal dan l-i*status.* Żiedet tgħid li fil-każ odjern hija kellha l-konferma li r-rikorrent kien suġġett għal proċeduri kriminali fil-passat, u li dan kien instab ħati tal-akkużi li ġie mixli bihom, u kien għalhekk li hija ħarġet l-ittra ta' rifjut. Qalet ukoll li d-deċiżjoni tagħha ttieħdet wara konsiderazzjoni fit-tul tar-rekwiżiti tal-eliġibbilità skont il-*Policy* maħruġa mill-Gvern ta' Malta.

7. L-intimata qalet ukoll li mhuwiex minnu li hija ħadet id-deċiżjoni tagħha abbażi ta' interpretazzjoni żbaljata tal-fatti, u hija mxiet strettament ma' dak li tgħid il-*Policy,* kif ukoll ħadet ħsieb tinterpreta l-fatti b'mod korrett. L-intimata qalet li kien biss fl-2021, li hija kienet f'pożizzjoni li tagħmel evalwazzjoni individwali tal-applikazzjonijiet li kellha quddiemha, sabiex tiddetermina jekk applikant bħar-rikorrent kienx eliġibbli jew le. Qalet li filwaqt li r-rikorrent ma ssottomettiex il-fedina penali tiegħu b'mod dirett, il-*Policy* tgħid li l-Aġenzija intimata għandha tikkonsulta mal-Pulizija sabiex tikseb informazzjoni dwar il-

fedina penali ta' kull applikant qabel jingħata l-SRA *status* mitlub. Qalet ukoll li hija ma setgħetx tipproċessa l-applikazzjoni li kellha quddiemha qabel tevalwa l-fedina penali tal-applikant. Qalet li għalhekk mhux minnu li hija għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-fatti għaliex hija għamlet diversi verifiki sabiex setgħet tiddetermina jekk ir-rikorrent fil-fatt huwiex eliġibbli jew le. Qalet ukoll li kieku r-rikorrent qara t-termini tal-*Policy,* huwa kien ikun jaf li l-fatt li kien ingħata piena ta' priġunerija għal aktar minn tnax-il xahar, kellu jiskwalifikah milli jkun jista' jikseb l-i*status* mitlub.

## Id-Deċiżjoni Appellata

8. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Mejju, 2022, il-Bord iddeċieda li għandu jirrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata, u jilqa' l-appell intavolat mir-rikorrenti, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***1. <u>Preliminary</u>***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision issued by Identity Malta Agency, the appellant was informed that her application for Specific Residence Authorisation (SRA) had been rejected "...* In view of your past criminal conviction ...";

*Saw the appeal registered on 6th January, 2022; and*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 16th February, 2022.*

***2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal*

***Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*a. Competence of this Board*

*In the first paragraph of its reply, the Agency argued that this Board lacks competence as the appealed decision is one taken by the Agency according to some policy and was not an appeal against a decision refusing a residence permit.*

*The Board disagrees with the Agency's position. The appellant applied for a status called "Specific* ***Residence*** *Authorisation" (emphasis added by the Board). This renders SRA status a form of residence permit under Article 7 of the Immigration Act. The Board considers it necessary to make this connection between the relative policy documents and the law as the 2018 policy and the 2020 policy, both attached to the Agency's reply, both fail to refer to any primary or subsidiary legislation which serves as the basis for the policy. However, a policy cannot stand in a vacuum. It must somehow be linked to legislation and must serve to flesh out and explain how the provisions of a certain piece of primary or subsidiary legislation are to be implemented. In this case, the Minister's vires to enact such a policy emanates from his powers under Article 7(1) of the Immigration Act ("...* the Minister may issue, subject to such conditions as he may deem proper to establish ..."). *Therefore, any decision taken by the Agency, insofar as it affects the status of third-party nationals, may be appealed before this Board.*

*It must further be noted that neither the policy enacted in 2018 nor the updated policy enacted in 2020 state that the Agency's decisions under those policies are not appealable or that this Board shall not have competence to hear and determine appeals against those decisions. Even if any subsequent policy were to say that, it is humbly posited that such a pronouncement may well run counter to law and case-law related to fundamental human rights.*

*If one were to adopt the Agency's reasoning, one could state that this Board lacks competence to decide appeals related to applications for residence permits on the basis of economic self-sufficiency, as there seems to be no piece of primary or subsidiary legislation which specifically regulates residence permits on the basis of economic self-sufficiency. The Board recognises that just as the Agency, out of necessity, developed various kinds of residence permits to deal with the variety of*

*situations applicants encounter, then so too does this Board's competence develop in a similar manner.*

*Lastly, it is observed that a policy issued by an authority cannot possibly supersede a law enacted by Parliament (the Immigration Act). Therefore, the provisions of the Immigration Act prevail.*

*Therefore, the Board rejects the argument contained in the first paragraph of the Agency's reply and declares that in fact, it does have competence to hear and determine this appeal.*

*b. <u>The merits</u>*

*As to the merits of the case, the Agency explained as follows:*

- *The appellant first applied for a residence permit on the basis of international/humanitarian protection on 26th July, 2013, which application was accepted and consequently, protection was granted to the appellant;*
- *That the appellant had had his protection renewed yearly;*
- *That following publication of the relative policy in 2018, the appellant applied on 30th September, 2019 for renewal of his temporary humanitarian protection (THPN) status and conversion to SRA status, which application was accepted and consequently, a document was issued to the appellant which was valid for two years;*
- *That however, in October 2020, an updated SRA policy was issued. According to the updated policy, the appellant was considered disqualified under the disqualification criteria as he had been convicted of a criminal offence in the past.*

***At this point, the Board notes that the Agency presented no informal or authenticated copy of any judgment of any court, no occhio of any case and no date on which any judgment of a criminal nature was allegedly issued against the appellant.***

- *That on 27th August, 2021, the appellant submitted an application for renewal of his SRA status, which application, in line with the 2020 policy, required the Malta Police Force to advise on the appellant's criminal record* (fedina penali)*.*
- *That consequently, the appellant was considered disqualified.*

*At this juncture, the Board, supported by the reasoning of the Court of Appeal in* ***<u>Fabio Vespa vs. Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati</u>***

*(decided on 12th July, 2019), carried out a search of the online eCourts database and found no judgments bearing the appellant's name.*

*The Agency itself presented no evidence of any conviction.*

*The least the Agency could do is to at least describe the alleged conviction* ***in detail*** *(mentioning the occhio, the date of judgment and the court) in its own decision. It is not enough for the Agency to state that had the appellant approached it to ask it to which conviction it was referring, it would have told him.*

*The Agency admits that for several years, between the appellant's first application in 2013 and his most recent application in August 2021, he had enjoyed THPN status and subsequently SRA status. It was only after the 2020 policy came into force that his application for renewal of SRA status was rejected. The Board finds it utterly ridiculous that it is on the basis of an alleged conviction that the appellant is being denied* ***renewal*** *of his SRA status. The Board is expected to believe that it is now, after several years, the competent authorities suddenly remembered that the appellant was once convicted of a criminal offence and is therefore now considered an undesirable presence.*

*The appellant provided copies of various conduct certificates, issued in 2021, in 2019, in 2018, in 2017, in 2016, in 2015, in 2014, in 2013, in 2012 and in 2011. These certificates state either that the appellant is a person of good conduct or that he committed no offences which are registrable under the Conduct Certificates Ordinance.*

*Furthermore, he presented evidence that he was issued with employment licences by the Employment Licences Unit within Jobsplus in 2021, in 2019, in 2017, in 2015, in 2014, in 2012, in 2011, and in 2010.*

*Had the appellant been a threat to society, he would not (or should not) have been repeatedly issued with THPN status and SRA status. Neither would he have been granted so many employment licences. He would also have been declared a prohibited immigrant under Article 5A of the Immigration Act and been removed from Malta by the Principal Immigration Officer.*

*The Board shall delve further into the disqualification criteria in the 2020 policy.*

*The section of the "*Policy regarding Specific Residence Authorisation – Updated policy – October 2020" *titled "*Disqualification criteria", *states:*

*"*Persons who have been found guilty of an offence and sentenced to imprisonment for twelve (12) months in Malta or abroad shall not be granted a

Specific Residence Authorisation. An applicant for the status who is found guilty and sentenced to one (1) year imprisonment, even if with a suspended sentence, shall be automatically disqualified from obtaining SRA status."

*As the Agency itself provided no actual evidence of a criminal conviction, the first part of the disqualification criteria cannot be applied.*

*The second part of the disqualification criteria refers to an "*applicant for the status". *This means that in order for the second part to apply, he must have been found guilty and sentenced to imprisonment, whether effective or suspended,* ***when he would already have applied for SRA status*** *(or in this case, for renewal thereof). In this case, the appellant was allegedly convicted long before she applied for SRA status.*

*Therefore, for all the reasons stated, hereinabove, the Board shall revoke the Agency's decision and shall accept the appellant's appeal.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta, the Board revokes the Agency's decision and accepts the appellant's appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## <u>L-Appell</u>

9. L-Aġenzija appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fl-20 ta' Mejju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tat-13 ta' Mejju, 2022 fl-ismijiet premessi, u minflok tikkonferma d-deċiżjoni tal-Aġenzija appellata tal-25 ta' Novembru, 2021, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

10. L-Aġenzija appellanta spjegat li hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord, u fl-ewwel aggravju tagħha tgħid li l-Bord ma kellux il-kompetenza jisma' l-appell imressaq mir-rikorrenti, l-appellat f'din l-istanza. Spjegat li skont l-

artikolu 25A tal-Kap. 217, il-Bord għandu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi appelli jew applikazzjonijiet a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 217 jew tar-regolamenti magħmula taħtu, u l-każ odjern jittratta *Policy* li nħolqot minn Identity Malta li la hija disposizzjoni tal-Att, la hija disposizzjoni ta' regolament magħmul taħt l-Att, u lanqas ma hija disposizzjoni ta' xi liġi oħra. Qalet ukoll li skont il-prinċipju legali *ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit,* il-leġislatur ma riedx li l-Bord ikollu komprtenza oltre dik indikata fil-paragrafu 25A (1) (ċ) tal-Kap. 217. L-Aġenzija appellanta ċċitat xi sentenzi tal-Qrati tagħna li jistabbilixxu li fejn il-leġislatur speċifika parametri b'mod skjett u mingħajr ma ħalla lok għall-interpretazzjoni, il-partijiet għandhom jirrispettaw dawk il-parametri.

11. Fit-tieni aggravju tagħha, l-appellanta ssostni li t-terminu impost fl-artikolu 25A (7) tal-Kap. 217 ma ġiex osservat, u għalhekk l-appell quddiem il-Bord sar tardivament. Għalhekk, saħqet l-appellanta, l-appell tar-rikorrenti ma kellux jitqies fil-mertu. L-appellanta spjegat li r-rikors tal-appell ġie intavolat fis-6 ta' Jannar, 2022, jiġifieri xahar u nofs wara d-deċiżjoni tal-Aġenzija Identity Malta tal-25 ta' Novembru, 2021. Qalet li minkejja li hija qajmet din l-eċċezzjoni quddiem il-Bord, dan ma ħa l-ebda konjizzjoni tagħha fid-deċiżjoni mogħtija minnu. Żiedet tgħid li l-Bord għandu japplika l-liġi bl-istess mod u manjiera fil-konfront ta' kull parti li tidher quddiemu, u għalhekk dan m'għandux jadopera kejl differenti bejn parti u oħra bil-ħsieb li 'jsalva' xi applikazzjoni.

12. Fit-tielet aggravju, l-Aġenzija appellanta tgħid li l-Bord għamel applikazzjoni ħażina tal-*Policy* maħruġa mill-Gvern ta' Malta fl-2020, u qalet li f'dan ir-rigward il-Bord għamel żewġ żbalji. Fl-ewwel lok, il-Bord qies li huwa redikolu li s-sentenza mogħtija diversi snin ilu fil-konfront tar-rikorrenti

għandha ġġib magħha l-iskwalifika tiegħu, u żied jgħid li ma jemminx li l-Aġenzija appellanta saret taf b'din is-sentenza proprju issa. Qalet ukoll li l-Bord ikkonsidra li l-applikant ma kienx jissodisfa t-termini ta' skwalifika taħt din il-*Policy.* L-Aġenzija appellanta spjegat li l-*Policy* saret u ġiet imfassla mill-Gvern ta' Malta, u hija għandha biss il-mansjoni li tapplikaha. Qalet ukoll li hija m'għandhiex il-mansjoni li tiddeċiedi x'għandu jkun inkluż fil-*Policies* imfassla mill-Gvern. L-Aġenzija appellanta qalet li l-Bord m'għandux il-funzjoni li jikkrea, jirregola jew iġebbed il-*Policies* li jinħarġu mill-Gvern ta' Malta, u għalhekk hija ma tistax taqbel ma' dak li ngħad fid-deċiżjoni tal-Bord, jiġifieri li tagħmel xi differenza jekk il-kondotta tal-applikant hijiex nadifa jew le; u li huwa 'redikolu' li l-applikant ġie mċaħħad mit-tiġdid tal-permess tagħha minħabba sentenza li ngħatat diversi snin ilu. Qalet li dan imur kontra l-kliem tal-*policy* li fl-ewwel lok tippermetti li l-Aġenzija appellanta titlob lill-Pulizija għal kopja tal-fedina penali, u mhux tistrieħ fuq il-kondotta tal-applikant, u fit-tieni lok ma tispeċifikax terminu ta' żmien fejn sentenzi m'għandhomx jibqgħu jgħoddu bħala strument ta' skwalifika. L-Aġenzija appellanta qalet li m'hemm xejn redikolu li l-Gvern ta' Malta jikkrea u japplika *policies* sabiex jirregola l-pożizzjoni ta' *failed asylum seekers,* u l-Bord m'għandux jesprimi ruħhu dwar kif għandha tiġi applikata l-*policy* jew kif għandha titħaddem. Qalet ukoll li qabel ma daħlet fis-seħħ il-*Policy* l-ġdida fl-2020, hija ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tiskwalifika lill-appellat abbażi ta' din is-sentenza ta' priġunerija, u l-Aġenzija dejjem imxiet skont il-*policies* viġenti skont iż-żmien meta saru l-applikazzjonijiet rispettivi.

13. B'riferiment għat-tieni konsiderazzjoni, jiġifieri fejn il-Bord ikkonsidra li r-rikorrent ma kienx jissodisfa t-termini ta' skwalifika ta' din il-*Policy,* l-Aġenzija

qalet li l-interpretazzjoni tal-*Policy* li saret mill-Bord hija skorretta. Qalet li d-*disqualification criteria* tal-*Policy* tal-2020 tipprovdi li:

> *"Persons who have been found guilty of an offence and sentenced to imprisonment for twelve (12) months in Malta or abroad shall not be granted a Specific Residence Authorisation. An applicant for the status who is found guilty and sentenced to one year imprisonment, even if with a suspended sentence, shall be automatically disqualified from obtaining SRA status. The Police Authorities shall be consulted to advise on the fedina penali of each applicant before an SRA status is granted."*

L-Aġenzija appellanta qalet li l-Bord qasam din l-iskwalifika fi tnejn, meta huwa evidenti li t-tieni linja f'dan il-paragrafu qegħda tispjega biss f'aktar dettall dak miktub fl-ewwel linja. L-Aġenzija appellanta qalet li l-Bord kien skorrett meta kkonsidra li sabiex tapplika t-tieni linja tal-paragrafu ċċitat, il-persuna ma tridx tkun applikat għall-*SRA status.* Żiedet tgħid li huwa żbaljat li wieħed jinterpreta dan il-paragrafu tal-*Policy* bħala li s-sentenza ta' sena priġunerija għandha tiskwalifika lill-applikant meta din tingħata wara li l-applikant ikun diġà intavola l-applikazzjoni tiegħu. Qalet li kieku din hija l-interpretazzjoni l-korretta li għandha tingħata, il-*Policy* tkun qiegħda tiġi interpretata b'mod dejjaq, u s-sentenza in kwistjoni trid tkun ingħatat f'dak il-perijodu verament qasir bejn l-ippreżentar tal-applikazzjoni tal-applikant, u d-data tal-ħruġ tal-permess. L-Aġenzija appellanta qalet ukoll li l-Bord m'għandux ikollu l-funzjoni li jinterpreta l-*Policy* b'mod tant dejjaq sabiex isalva l-applikazzjoni tar-rikorrent. Qalet li l-Bord għandu jara li l-*Policy* qegħda tiġi applikata b'mod kostanti bla diskriminazzjoni, iżda mhux li jiżviluppa prinċipji ġodda fil-*policies* tal-awtoritajiet. Żiedet tgħid li bħala prassi, hija ma tippreżentax kopja tal-fedina penali tal-applikant b'mod leġġer, bħala evidenza fi proċeduri ta' natura ċivili, li

bħala regola huma aċċessibbli għall-pubbliku. Qalet li kieku l-Bord kellu xi dubju dwar il-veraċità tal-kontenut tal-fedina penali kif deskritt minnha, dan seta' jirregola l-proċedura tiegħu stess u seta' jitlob li tali prova tiġi ppreżentata in atti. L-Aġenzija appellanta qalet li hija kienet għamlet suġġeriment fir-risposta tagħha biex l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jixhed dwar il-kontenut tal-fedina penali, iżda li l-Bord għażel li ma jismax din ix-xhieda. L-Aġenzija appellanta kompliet tgħid li hija dejjem kienet lesta li taderixxi ma' kull ordni tal-Bord, u qalet li għadha disposta li tagħmel dan anki f'dan l-istadju.

**Ir-Risposta tal-Appell**

14. L-appellat fir-risposta tiegħu wieġeb li huwa qatt ma ġie notifikat bid-deċiżjoni li qegħda tappella minnha l-Aġenzija, u bħala fatt huwa qatt ma ġie nnotifikat b'xi dokument li ġie ippreżentat quddiem il-Bord, inkluż ir-risposta li ippreżentat l-Aġenzija. Qal li huwa sar jaf bid-deċiżjoni appellata meta ġie ippreżentat l-appell u dawn id-dokumenti kienu annessi miegħu. L-appellat qal li hemm qbil li huwa kellu *Temporary Humanitarian Protection* u li l-Aġenzija appellanta ħarġitlu permess ta' residenza abbażi ta' Protezzjoni Internazzjonali Umanitarja. Qal li dan il-permess baqa' jiġi mġedded sena wara oħra, u fis-sena 2019 huwa ngħata *Specific Residence Authorisation* għal perijodu ta' sentejn. Qal ukoll li fis-sena 2021 huwa talab biex iġedded l-i*status* tiegħu permezz ta' ittra tal-25 ta' Novembru, 2021, iżda ġie infurmat li dan ma kienx possibbli minħabba *past criminal conviction.* Żied jgħid li skont l-Aġenzija appellanta, wara li kisbet kopja tal-fedina penali tiegħu, din qalet li huwa kien instab ħati ta' reat u kien ġie kkundannat għal tlettax-il sena ħabs effettivi, iżda dan mhuwiex

minnu, u għalhekk tali dikjarazzjoni hija waħda inveritiera u malafamanti. Waqt it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet quddiem din il-Qorti, ġie ċċarat mill-avukat difensur tal-Aġenzija appellanta li s-sentenza ta' priġunerija in kwistjoni kienet ta' tlettax-il xahar u mhux ta' tlettax-il sena kif erronjament indikat.

15. L-appellat qal li din il-Qorti għandha l-kompetenza tisma' dan l-appell *ai termini* tal-artikolu 25A (8) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan ladarba r-Regolamenti applikabbli inħarġu skont il-poteri konferiti bl-artikolu 4A tal-Att, li jaqa' taħt it-Taqsima III tal-istess Att. Qal li l-appellanta trid tiddeċiedi liema pożizzjoni sejra tieħu, għaliex f'każ li l-Bord ma kienx kompetenti biex jisma' l-appell tiegħu, daqstant ieħor din il-Qorti mhijiex kompetenti sabiex tisma' l-appell tal-Aġenzija appellanta. Qal ukoll li hawn *si tratta* ta' *Policy* li nħolqot mill-Aġenzija appellanta, u għalhekk la hija disposizzjoni tal-Att jew regolament taħt l-Att u lanqas m'hija xi liġi oħra. Qal ukoll li filwaqt li l-Aġenzija appellanta tagħmel riferiment għall-artikolu 25A(1)(ċ) tal-Kap. 217 bħala l-bażi legali tal-kompetenza tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, fl-istess ħin naqset milli tikkwota l-artikolu 25A (5), li jgħid li kull persuna li tħossha aggravata b'xi deċiżjoni tal-awtorità kompetenti taħt regolamenti magħmula taħt it-Taqsima I, II jew bis-saħħa tal-artikolu 7, 14 jew 15, tista' tappella minn dik id-deċiżjoni u l-Bord ikollu l-kompetenza jisma' u jiddeċiedi dawk l-appelli. L-appellat qal li l-*Policy* ma tagħmel l-ebda riferiment għal xi tip ta' leġislazzjoni, bil-konsegwenza li l-permess ta' residenza in kwistjoni jaqa' taħt il-poter tal-Ministeru skont l-artikolu 7 tal-istess Att.

16. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-Aġenzija appellanta, l-appellat qal li minkejja li din l-eċċezzjoni tqajmet quddiem il-Bord, din ma ġietx ikkonsidrata. Qal li l-Aġenzija appellanta ma ressqet l-ebda prova dwar meta huwa ġie notifikat jew infurmat bid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta, u fil-fatt huwa ġie notifikat bl-ittra tal-Aġenzija appellanta fit-30 ta' Diċembru, 2021, u ippreżenta l-appell fis-6 ta' Jannar, 2022 *ai termini* tal-artikolu 7 tal-Kap. 217. Qal li l-artikolu 7(4) tal-Att jgħid li kull min iħossu aggravat b'xi deċiżjoni, għandu dritt jappella fi żmien għaxart ijiem minn meta jiġi avżat b'dik ir-revoka.

17. Dwar it-tielet aggravju tal-Aġenzija appellanta, l-appellat qal li skont l-artikolu 25A iċċitat mill-appellant, l-appell kellu jkun limitat fuq punti ta' liġi, u għalhekk dan l-aggravju għandu jiġi miċħud, għaliex dak deċiż mill-Bord għandu jkun finali. L-appellat qal li huwa redikolu li permess ta' residenza ma jiġix rinnovat minħabba sentenza fittizja jew le, li kienet teżisti qabel il-ħruġ tal-permess. Qal ukoll li huwa qatt ma weħel sentenza ta' tlettax-il sena ħabs, u kuntrarjament għal dak sottomess mill-Aġenzija appellanta, il-Bord għandu funzjoni ta' reviżjoni u sabiex jara jekk id-deċiżjoni maħruġa mill-Aġenzija appellanta kinitx waħda tajba jew le. Qal li huwa ma jistax jifhem kif l-Aġenzija appellanta baqgħet issostni li kien hemm sentenza ta' priġunerija u ma ressqet l-ebda prova fir-rigward, għaliex bħala prassi din ma tippreżentax il-fedina penali ta' individwu sakemm ma tintalabx tagħmel hekk mill-Bord. Qal li huwa jemmen li din ir-raġuni hija waħda redikola, u ladarba l-Aġenzija ngħatat il-poter li titlob il-fedina penali tal-applikanti, ma kellhiex għalfejn tqis tali informazzjoni bħala waħda sensittiva fil-proċeduri bejn il-partijiet. L-appellat qal li din hija biss skuża, għaliex mhux minnu li huwa ġie kkundannat tlettax-il sena ħabs, u fil-fatt

fl-ittra ta’ rifjut imkien ma ngħataw id-dettalji ta’ din is-sentenza. Qal ukoll li bir-revoka tal-permess ta’ residenza, l-Aġenzija appellanta ħolqot tbatija kbira fuqu, li għal dawn l-aħħar għaxar snin dejjem osserva l-liġi, ħadem u ħallas it-taxxi. Qal li bid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta, huwa spiċċa bla *status,* u l-inqas ħaġa li kellha tagħmel l-Aġenzija appellanta kienet li tagħti raġuni dettaljata għar-rifjut tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

18. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-Aġenzija appellanta, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat u tal-konsiderazzjonijiet magħmula fid-deċiżjoni appellata. Imma qabel ma tibda tindirizza l-aggravji mressqa mill-Aġenzija appellanta, il-Qorti tħoss il-ħtieġa li tossottolinja li każijiet bħal dawn jolqtu l-ħajja ta’ persuni fl-aktar aspetti fundamentali. L-appellat, persuna mis-Sudan, diversi snin wara li ngħata permess biex jgħix u jaħdem f’Malta b’mod leġittimu, abbażi anki ta’ diversi ċertifikati tal-kondotta li kollha jikkonfermaw li huwa persuna ta’ kondotta tajba, ġie infurmat li huwa ma kienx qiegħed jingħata permess biex ikompli jgħix f’Malta għaliex m’għadux jikkwalifika għal tali permess wara tibdil fil-*policy* applikabbli. Fis-snin kollha li l-appellat ilu jgħix f’Malta huwa ħadem hawnhekk u anki attenda korsijiet fil-lingwa Maltija sabiex ikun jista’ jintegra bl-aħjar mod. Il-Qorti tqis li l-ebda persuna ma tħalli l-pajjiż tal-oriġini tagħha u tfittex futur aħjar f’pajjiż imbiegħed u li dwaru taf ftit li xejn, jekk mhux għaliex is-sitwazzjoni f’pajjiżha tkun waħda diffiċli. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-Aġenzija appellanta baqgħet ma ppruvatx li l-appellat kien ingħata sentenza ta’ priġunerija, u kien

biss waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti li l-avukat difensur tal-Aġenzija appellanta talbet permess tippreżenta l-fedina penali tal-appellat, liema talba ġiet miċħuda minn din il-Qorti ta' reviżjoni. Jirriżulta għalhekk li l-prova ewlenija li fuqha l-Aġenzija ssejjes id-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta li toħroġ il-permess mitlub mill-appellat baqgħet ma saritx mill-Aġenzija appellanta li ħadet id-deċiżjoni dwarha.

*L-ewwel aggravju:* *[dwar il-kompetenza tal-Bord]*

19. L-Aġenzija appellanta tikkontendi li l-Bord m'għandux kompetenza jisma' dan l-appell, li jittratta *Policy* mfassla mill-Gvern ta' Malta, u dan għaliex il-ġurisdizzjoni tal-Bord testendi biss għal appelli u applikazzjonijiet li jsiru *ai termini* tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' regolamenti magħmula taħtu jew a tenur ta' kull liġi oħra. Tgħid li ladarba l-*Policy* in kwistjoni ma tikkwalifikax bħala xi disposizzjoni tal-Att, jew ta' regolament taħtu, u lanqas m'hija disposizzjoni ta' xi liġi oħra, il-Bord ma kellux il-kompetenza jisma' l-appell imressaq quddiemhu mill-appellat.

20. Il-Qorti ma taqbel xejn ma' din l-interpretazzjoni tal-appellanta. L-appellat talab għat-tiġdid tal-*SRA status* li kien kiseb bis-saħħa tal-fatt li għal diversi snin kellu Protezzjoni Umanitarja, u dan l-*istatus* huwa tip ta' permess ta' residenza, li jaqa' taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-sub-inċiż (5) tal-artikolu 25A tal-Kap. 217 jagħmilha ċara li kull persuna li tħossha aggravata b'xi deċiżjoni tal-awtorità kompetenti magħmula taħt it-Taqsima III, jew a tenur tal-artikolu 7, 14 jew 15 tal-Att, tista' tappella minn dik id-deċiżjoni

quddiem il-Bord. Barra minn hekk, l-Aġenzija appellanta, fit-tieni aggravju tagħha, tiċċita s-sub-inċiż (7) tal-istess artikolu tal-liġi sabiex targumenta li l-appell intavolat mill-appellat quddiem il-Bord sar *fuori termine,* li jfisser li bit-tieni aggravju tagħha l-appellanta qegħda tirrikonoxxi li l-appellat kellu jedd ta' appell bis-saħħa tas-sub-inċiż (5) tal-artikolu 25A. Għaldaqstant tqis li dan l-ewwel aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[l-appell sar fuori termine]*

21. L-Aġenzija appellanta tgħid li l-appell tal-appellat quddiem il-Bord kien *fuori termine,* għaliex ġie ippreżentat bosta ġranet wara li ngħatat id-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta, filwaqt li s-sub-inċiż (7) jgħid li kull appell għandu jiġi ppreżentat fir-Reġistru tal-Bord fi żmien tliet ijiem mid-deċiżjoni li tkun suġġetta għall-appell.

22. L-appellat qal li l-Aġenzija appellanta ma ressqet l-ebda prova dwar meta huwa ġie notifikat bid-deċiżjoni tagħha tal-25 ta' Novembru, 2021. Mill-atti jirriżulta li l-ittra tal-25 ta' Novembru, 2021 tal-Aġenzija appellanta ntbagħtet lill-appellat fl-indirizz '42, 'Cilia', Triq Ġanni Vassallo, Luqa', li jidher li huwa l-aħħar indirizz fejn qiegħed jgħix l-appellat, u dan in vista tad-diversi indirizzi li jirriżultaw fil-korrispondenza l-oħra kollha esebita minnu. Mill-atti ma tirriżultax il-ġurnata meta l-appellat ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta, u dan il-fatt huwa problematiku f'sitwazzjoni fejn il-Qorti tinsab iffaċċjata b'aggravju li jinċidi fuq l-ordni pubbliku, jiġifieri jekk appell quddiem Bord ġiex ippreżentat entro t-terminu stipulat fil-liġi jew le. L-appellat jgħid, mingħajr però

ma jġib prova ta' dan, li huwa ġie notifikat bl-ittra tal-Aġenzija appellanta fil-31 ta' Diċembru, 2021, jiġifieri aktar minn xahar wara li ntbagħtet l-ittra. Il-Qorti mhijiex edotta miċ-ċirkostanzi li jgħix fihom l-appellat, per eżempju jekk huwa joqgħodx waħdu jew inkella jekk jabitax ma' għadd ta' persuni oħra, sabiex jista' jiġi stabbilit x'setgħet kienet ir-raġuni għad-dewmien biex l-appellat ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta. Il-Qorti tirrileva li d-deċiżjonijiet tal-Aġenzija appellanta ma jingħatawx fil-miftuħ, iżda jiġu nnotifikati lill-applikant bil-posta, u l-applikant ma jkollu l-ebda ħjiel tad-data meta ser tittieħed id-deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tiegħu, u għalhekk, kuntrarjament għad-deċiżjonijiet li jingħataw mill-Bord per eżempju, ma jkollux mod kif isegwi d-deċiżjoni dakinhar li tingħata. Din il-problema tista' tiġi parzjalment sorvolata f'każ li l-Aġenzija tibda tibgħat dawn l-ittri imqar bil-posta reġistrata sabiex ikun hemm traċċabilità dwar meta d-deċiżjoni tagħha tiġi notifikata lill-persuna kkonċernata, għalkemm anki hawn il-Qorti tifhem li hemm bosta diffikultajiet prattiċi. Min-naħa l-oħra, filwaqt li huwa minnu li l-liġi tgħid li l-appell għandu jsir fi żmien tliet ijiem minn meta tingħata d-deċiżjoni, il-Qorti għandha tħassib serju dwar x'jiġri f'każ li l-applikant jibqa' mhux notifikat bid-deċiżjoni f'dawk it-tliet ijiem, u tali deċiżjoni tasal għandu wara li jkun għalaq it-terminu. Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn taħseb li l-appellat kien traskurat fil-mod kif ħa ħsieb l-affarijiet tiegħu, għaliex il-provi juru li dan għamel dak kollu li seta' biex jintegra fis-soċjetà Maltija, u biex ikun denju tal-permess ta' residenza u tal-permess ta' xogħol li ngħatawlu. In vista tan-nuqqas ta' prova dwar id-data meta l-appellat ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Aġenzija appellanta, il-Qorti qegħda tqis l-allegazzjoni tal-Aġenzija appellanta bħala li mhijiex ippruvata, u għalhekk dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

*It-tielet aggravju:* *[l-applikazzjoni tal-*Policy*]*

23. L-Aġenzija appellanta tgħid li l-Bord applika l-*Policy* b'mod żbaljat, meta kkonsidra li sentenza ta' diversi snin ilu ma kellhiex twassal għall-iskwalifika tal-appellat, kif ukoll meta l-Bord ikkonsidra li bl-applikazzjoni tal-*Policy* in kwistjoni, l-appellat ma kellux jiġi skwalifikat. L-appellanta qalet li ma kinitx hi li fasslet il-*Policy,* iżda hija qegħda biss tapplikaha. Tgħid li qabel it-tibdil fil-*Policy* fl-2020, hija ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tiskwalifika lill-appellat abbażi ta' sentenza ta' priġunerija li ngħatat aktar minn għaxar snin ilu. L-appellanta saħqet li l-Bord ma kellux jaqsam il-*Policy* fi tnejn sabiex qies li t-tieni linja tal-*Policy* b'xi mod għandha tiġi applikata b'mod distint u separat mill-ewwel linja, u li hija kellha l-awtorizżazzjoni titlob il-fedina penali tal-appellat sabiex tkun tista' tiddetermina jekk dan jikkwalifikax għall-i*status* li applika għalih jew le.

24. Il-Qorti, filwaqt li ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-Bord li t-tieni linja tal-*Policy* għandha tapplika b'mod distint u separat mill-ewwel linja, madanakollu hemm numru ta' osservazzjonijiet li trid tagħmel. Fl-ewwel lok għandu jingħad li l-appellat kien qiegħed japplika għal tiġdid tal-*istatus* tiegħu wara li fis-snin ta' qabel huwa kkwalifika għall-Protezzjoni Temporanja, u meta ddaħħal il-kunċett ta' *Specific Residence Authorisation,* huwa ngħata dan l-i*status* awtomatikament, billi tqies li kien eliġibbli għalih abbażi tal-Protezzjoni li kien igawdi preċedentement. Wara li ngħata *SRA status* l-ewwel darba, l-appellat kellu japplika għal tiġdid ta' dan l-i*status*, imma għalkemm fid-drabi ta' qabel ma kien hemm l-ebda problema sabiex l-applikazzjoni tiegħu tiġi pproċessata u jingħata l-permess ta' residenza, l-Aġenzija appellanta applikat il-

*Policy* kif aġġornata fl-2020 sabiex qieset li sentenza ta' priġunerija li kienet ingħatat fil-konfront tal-appellat aktar minn għaxar snin qabel, kellha tiskwalifikah milli jkollu l-*SRA status* imġedded.

25. Il-Qorti tagħmel riferiment għat-termini użati fil-*Policy regarding Specific Residence Authorisation (Updated Policy – October 2020),* u qari akkurat ta' din il-*Policy* għandu jwassal għall-konklużjoni li din il-*Policy* hija intiża għal applikanti ġodda għall-*SRA,* u l-*Policy* kif aġġornata mhijiex maħsuba biex tapplika wkoll għal min jitlob sabiex iġedded l-*SRA* li kien ingħata qabel, bħal fil-każ tal-appellat. Hekk per eżempju taħt it-Taqsima '*Definition and Content',* il-*Policy* in kwistjoni tgħid li:

> "Persons whose application for international protection has been finally rejected by the relevant asylum determination authorities may be granted a Specific Residence Authorisation after an assessment based on the criteria and guidelines outlined below has been carried out by Identity Malta in cooperation with the immigration authorities."

26. Taħt il-parti '*Disqualification Criteria'*, il-*Policy* tagħmel riferiment ukoll għal applikanti għal *Specific Residence Authorisation,* u tgħid f'liema ċirkostanzi dan l-i*status* ma jingħatax. Iżda l-*Policy* imkien ma tgħid li dawn il-kriterji għandhom japplikaw ukoll għal min kien ingħata l-permess preċedentement u li japplika biex iġedded il-permess li kien ingħata. Taħt il-parti intestata '*Renewal of the SRA status',* il-*Policy* tgħid illi:

> "For the status to be renewed, applicant should apply two months prior to the expiry date of the residence permit, provided that evidence of residence in Malta for the previous two years, and of employment for a minimum period of not less than nine

(9) months per year prior to submission of application, is included with the application."

27. Il-*Policy* imkien ma tgħid li applikazzjoni għal tiġdid trid tiġi evalwata bil-mod kif ġiet evalwata l-applikazzjoni tal-appellat. Il-Qorti tqis li mhuwiex raġonevoli, li meta l-*Policy* hija daqstant ċara dwar x'għandu jsir meta jkun hemm applikazzjoni għal tiġdid ta' permess, l-interpretazzjoni tal-Aġenzija tkun li għandhom jiġu applikati il-kriterji ta' skwalifika li ddaħħlu fil-*Policy* tal-2020, għaliex dan ikun ifisser li persuni li qegħdin f'Malta b'mod leġittimu bis-saħħa ta' permess ta' residenza li kien ingħatalhom fil-passat, wara li ġie deċiż mill-awtoritajiet tal-pajjiż li dawn kienu jikkwalifikaw għalih, issa jisfaw bil-permess tagħhom mhux imġedded abbażi tal-applikazzjoni ta' *Policy* li għandu jirriżulta li tfasslet biex tirregola applikazzjonijiet ġodda u mhux ukoll it-tiġdid ta' permessi diġà mogħtija. L-appellat għandu raġun jgħid li huwa kellu l-aspettattiva leġittima li l-applikazzjoni tiegħu sejra tiġi milqugħa u l-permess ta' residenza tiegħu jiġġedded, għaliex l-ewwel darba li huwa ngħata l-Protezzjoni Temporanja u sussegwentement applika u ngħata l-*SRA status*, ma kien hemm l-ebda problema għalih biex jikkwalifika għal dan l-i*status.* Il-Qorti ma tistax taċċetta li persuni li ilhom jgħixu f'Malta diversi snin, jaħdmu, u li jkunu għamlu ħilithom biex jippruvaw jintegraw hawnhekk, li kellhom l-i*status* tagħhom regolarizzat bl-applikazzjoni tal-kriterji applikabbli, sussegwentement jintalbu jħallu l-pajjiż għaliex l-Aġenzija appellanta ddeċidiet li l-*Policy* li ġiet aġġornata fl-2020, għandha tibda tapplika anki għal dawk li qegħdin jitolbu li jġeddu l-permess ta' residenza tagħhom. Għaldaqstant tqis li dan it-tielet aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu wkoll.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiċħad l-appell tal-Aġenzija appellanta, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-Aġenzija appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**